MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2006

Numru 786/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MARIO TONNA**

**VS**

**GIANLUCA TORRES**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Gianluca Torres, ta’ 32 sena, imwieled l-Italja nhar l-10 ta’ Frar, 1973, bin Vincenzo u Giuseppina nee’ Mirabelala, residenti gewwa l-Continental Apartments, numru 23, Triq San Luigi, Msida, maghrufa detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 7516754 u karta tal-identita’ maltija 18571 A;

Akkuzat talli b’diversi atti maghmulin b’risoluzzjoni wahda, f’diversi granet u hinijiet differenti:

1. Ikkommetta serq minn gewwa l-Alexandra Hotel li tinsab gewwa Triq Schreiber, San Giljan, u cioe' nhar il-31 ta' Lulju, 2005, matul il-lejl minn gewwa kmamar numri 116 u 117, ghad-dannu ta' Azahara Lopez Grande, minn Spanja, u ghad-dannu ta' Garcia Mendez Serdio minn Spanja, liema serq huwa aggravat bil-valur, u bil-hin, u dan *ai termini* tal-Artikoli 261, 267, 279 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. U aktar talli fil-lejl ta', u cioe' shieb l-4 ta' Settembru, 2005, ittanta li jikkommetti serq minn gewwa l-fond Alexandra Hotel, u cioe' mill-kmamar 116 u 117 ghad-dannu ta' Julian Trenz mill-Germanja, Jusuha Stormen mill-Germanja u Nouters Richard, mill-Germanja, li jinsab gewwa Triq Schreiber, Paceville, San Giljan, liema serq ma sehhx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tal-imputat, u dan *ai termini* tal-Artikolu 41(a), liema attentat ta' serq huwa aggravat bil-valur, u bil-hin, u dan *ai termini* tal-Artikolu 18, 261, 270, 267, 279, u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u taht l-istess cirkostanzi bil-hsieb li jikkommetti reat ezercita dritt li jippretendi li ghandu minghajr il-kunsens tas-sid tal-fond Alexandra Hotel, li tinsab gewwa Triq Schreiber, San Giljan, u dan *ai termini* tal-Artikolu 18 u 35 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u taht l-istess cirkostanzi, bi hsara tas-sid jew tad-detentur ghamel vjolenza ohra kontra l-istess proprjeta' ta' Alexandra Hotel, u dan *ai termini* tal-Artikolu 340 (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U kif ukoll talli rrenda ruhu recediv b'sentenzi li saru definittivi nhar it-8/0/2000, mill-Magistrat Dr A Micallef Trigona, LL.D., u fid-19 ta' Lulju, 2000, mill-Magistrat Dr Noel Cuschieri LL.D., u nhar it-28 ta' Marzu, 2003 mill-Magistrat Dr Abigail Lofaro LL.D

Wara li rat l-Artikoli 18, 261, 267, 270, 279, u 281 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 18 u 35 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U kif ukoll l-Artikolu 340 (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat:

Illi wara li semghet ix-xhieda prodotta;
Wara li rat id-dokumenti esebiti.

Fuq nuqqas ta’ provi din il-Qorti ma ssibx lill-imsemmi mputat Gian Luca Torres hati tal-ewwel u t-tielet akkuzi dedotti kontrieh;

Issibu hati tat-tieni (2) akkuza minghajr l-aggravju tal-valur tar-raba’ (4), u l-hames (5) akkuza migjuba kontrieh u ghaldaqstant tikkundannah ghal terminu ta’ prigunerija ta’ tnax-il (12) xahar.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------